Mulej, l-Omm Verġni ta' l-opra kollha ta' l-Inkarnazzjoni Redentiva ta' l-Iben Divin, l-Avukata setgħana u ħanina ta' kull min jemmen f'Binha Ġesù, Dik li wara Alla nnifsu hija l-ogħla ħaġa li Alla ried jagħtina fl-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin.

Hdax-il darba biss isemmiha lil Marija fl-opri kollha tiegħu, imma x'dawl qawwi jitfa' fuq il-kobor tagħha u fuq id-devozzjoni mħeġġa tiegħu lejha bħala iben għażiż tagħha fl-Ordni tal-Karmelu!

# Iċ-Ċentinarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu – IT-TRIDU

— P. Serafin Abela O. Carm. —



L-għada li wasal hawn Malta ir-Revmu. P. Ġeneral tal-Ordni Karmelitan, Patri Anġlu Savini, jiġifieri fit-12 ta' Lulju, 1881, beda t-tridu solenni. Dakinhar iffunzjona l-Patri Ġeneral. Għaldaqstant, fid-9 ta' filgħodu l-Ġeneral stess fetaħ il-festi solenni u straordinarji billi qaddes il-Quddiesa kantata solenni. Kienu jassistu miegħu fil-Quddiesa il-Wisq Revdu Patri Majjistru Luigi Galli, segretarju ġenerali bħala Assistens Prebyter, il-Wisq Revdu Patri Majjistru Luigi Malfatti, Provinċjal tal-Ordni f'Malta bħala Djaknu u l-Patri Majjistru Dijonsju Sena bħala Suddjaknu. Il-mużika tas-surmastrijiet Pawlu u Antonio Nani kompliet tkabbar il-festa. Wara l-Vanġelu, il-W.R.P. Agostino Converti O.F.M., għamel il-paneġierku bit-taljan. Fih huwa wera l-glorji tas-Sultana tas-Sema u l-art.

Filgħaxija, imbagħad, il-funzjoni bdiet bil-kant tal-Kompieta. Wara l-kompieta, il-Vigarju Ġenerali, l-Illmu u Revmu Mons. Kan. Goffredo Xerri, niseġ il-paniġierku bil-malti. Fih huwa tkellem dwar ix-xorti li messet lill-maltin ta' dak iż-żmien li jkunu preżenti għall-ewwel inkurunazzjoni ta' Xbieha tal-Madonna f'Malta kif ukoll dwar ix-xorti li messet lill-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Carmelo Scicluna, li kien ġie delegat mill-Kapitlu Vatikan biex jagħmel din iċ-ċerimonja solenni. L-Inkurunazzjoni solenni tax-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu hija sinjal tal-grazzji kbar li Alla għamel permezz tagħha kif ukoll sinjal tad-devozzjoni kbira li l-Maltin kellhom dejjem lejn il-Madonna tal-Karmnu. Wara l-paniġierku tkantaw is-Salve Regina, il-Litanija tal-Madonna u l-Flos Carmeli. Dawn kienu ġew komposti mis-surmast Pawlu Nani għall-

okkażjoni tal-Inkurunazzjoni. Il-funzjonijiet tal-ewwel jum tat-tridu għalqu bil-Barka Sagramentali mogħtija mir-Revmu P. Ġeneral tal-Karmelitani.

Fit-tieni jum tat-tridu iffunzjona l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex. Fid-disgħa ta' filgħodu sar Pontifikal mill-Isqof Mons. Pietru Pace assistit minn żewġ kanoniċi tal-Knisja Kolleġjata ta' San Pawl u mill-Patri Majjistru Dijonisju Sena, Karmelitan, bħala Assistens Presbyter. Ukoll f'dan it-tieni jum tat-tridu, is-surmast Pawlu Nani esegwixxa quddiesa oħra komposta minnu għal din iċ-ċirkustanza. Wara l-Vanġelu għamel il-paniġierku il-W.R.P. Reġġent Antonio Gatt, Dumnikan. Fil-għaxija mbagħad, wara l-kant tal-Kompieta, għamel il-paniġierku Dun Manwel Debono D.D., Kanonku Kantur ta'-Insinji Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt. Kif spiċċa l-paniġierku tkantaw is-Salve Regina, il-Litanija tal-Madonna u l-Flos Carmeli mill-orkestra taħt it-tmexxija tas-surmast Pawlu Nani. Il-funzjoni spiċċat bil-Barka Sagramentali mogħtija mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Pietru Pace.

L-Isqof Mons. Pietru Pace f'din iċ-ċirkustanza ġibed l-ammirazzjoni tal-pop'u. Meta spiċċat il-funzjoni u kien ħiereġ mill-knisja biex jirritorna fejn kien qed joqgħod, l-Isqof ġie akkumpanjat bid-dawl tal-fanali (bengala) fost l-għajjat u ċ-ċapċip ta' folla mmensa ta' nies. Li ma kienx għax hu bl ebda mod ma ried, in-nies kienu jneħħu ż-żwiemel mill-karrozza u jiġbduh bl-idejn. Dak inhar stess filgħaxija u propju waqt il-paniġierku kellu jasal Malta biex jieħu sehem fil-festi tal-Inkurunazzjoni l-Illmu u Revmu Monsinjur Salvatore Angelo De Martis, Karmelitan, Isqof ta' Galtelli-Nuoro f'Sardinja. In-nies riedet tmur tilqgħu x-xatt u tagħmillu demostrazzjoni kbira iżda l-patrijiet, biex ma jtellfux il-funzjoni fil-knisja, ma riedux. B'danakollu, meta Mons. De Martis wasal bil-karrozza ħdejn il-kunvent, fejn kienet qed tistennih il-Komunità, sab tistennih ukoll folla kbira ta' nies li laqgħetu b'għajjat ta' ferħ u ċ-ċapċip. Kienet xena kommoventi tant li lill-Isqof qabiżlu d-dmugħ minn għajnejh.

L-għada, 14 ta' Lulju, 1881, kien l-aħħar jum tat-tridu solenni. Il-Pontifikal sar mill-Isqof Mons. Salvatore Angelo De Martis assistit minn ħutu r-reliġjużi karmelitani. Wara l-Vanġelu, il-W.R.P. Majjistru Ġwann Camilleri, Provinċjal tal-Patrijiet, Agostinjani, għamel il-paniġierku. Il-mużika kienet taħt it-tmexxija tas-surmast Nani.

Wara nofsinhar, wara l-Kompieta kantata, sar il-paniġierku mill-Kanonku Prepostu ta' Birkirkara Dun Crocifisso Pisani. Kif spiċċa l-paniġierku, tkantat so'ennement l-"Ave Maris Stella" kif kien preskritt fid-digriet tal-Inkurunazzjoni. Imbagħad tkompliet il-funzjoni bil-kant tas-Salve Regina, il-Litanija tal-Madonna u l-Flos Carmeli. Il-funzjoni spiċċat bil-Barka Sagramentali mogħtija mill-Isqof Mons. De Martis.

B'dan il-mod ingħalaq it-tridu solenni ta' tħejjija għaċ-ċerimonja solenni tal-Inkurunazzjoni. Kien tridu li rnexxa ħafna għax in-nies li resqu lejn it-tempju tal-Madonna tal-Karmnu kienu bla għadd.